ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 149

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

8 ta' Ġunju 2010

Avviż Nru — Werrej — Paġna

II *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2010/C 149/01 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5796 – ENI/Mobil Oil Austria) (1) | 1 |
| 2010/C 149/02 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5807 – ENI/Fox Energy) (1) ....... | 1 |


IV *Avviżi*

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2010/C 149/03 | Rata tal-kambju tal-euro ........ | 2 |
| 2010/C 149/04 | Deċiżjoni Nru A3 tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar l-akkumulazzjoni ta' perjodi ta' stazzjonar mhux interrotti mwettqa skont tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2) ........ | 3 |


MT

Prezz: 3 EUR

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE
(2) Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim KE/Żvizzera

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

2010/C 149/05 Deċiżjoni Nru H5 tat-18 ta' Marzu 2010 dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 u Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ([1]) . . . . . . . . . . 5

**Il-Qorti tal-Awdituri**

2010/C 149/06 Rapport Speċjali Nru 1/2010 "Il-proċeduri ssimplifikati doganali għall-importazzjoni huma kkontrollati b'mod effettiv?" . . . . . . . . . . 8

V *Opinjonijiet*

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 149/07 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel . . . . . . . . . . 9

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim KE/Żvizzera

II

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5796 – ENI/Mobil Oil Austria)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 149/01)

Fis-27 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5796. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5807 – ENI/Fox Energy)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 149/02)

Fit-2 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5807. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Avviżi)*

## AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** (1)

**Is-7 ta' Ġunju 2010**

(2010/C 149/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1959 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4607 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 109,86 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,2672 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4377 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,3325 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,82460 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7917 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,6449 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6945 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,3911 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 477,54 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,3031 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,9370 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,1706 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,2553 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,898 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 126,46 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 3,9853 |
| HUF | Forint Ungeriż | 285,70 | PHP | Peso Filippin | 56,010 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 37,9690 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7083 | THB | Baht Tajlandiż | 39,046 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1503 | BRL | Real Brażiljan | 2,2232 |
| RON | Leu Rumen | 4,2359 | MXN | Peso Messikan | 15,4749 |
| TRY | Lira Turka | 1,9110 | INR | Rupi Indjan | 56,3210 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# DEĊIŻJONI Nru A3

## tas-17 ta' Diċembru 2009

## dwar l-akkumulazzjoni ta' perjodi ta' stazzjonar mhux interrotti mwettqa skont tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim KE/Żvizzera)**

(2010/C 149/04)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 72 (a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali ([1]), li skontu l-Kummissjoni Amministrattiva hija responsabbli li tittratta l-mistoqsijiet amministrattivi kollha jew il-mistoqsijiet ta' interpretazzjoni li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

Wara li kkunsidrat l-Artikoli 5 u 14 sa 21 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009,

Billi:

(1) Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni "stazzjonar" tfisser kwalunkwe perjodu mwettaq minn persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom, li matulu persuna ssegwi l-attività tagħha fi Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat Membru kompetenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(1), 14a(1), 14b(1) jew 14b(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill ([3]) u l-Artikolu 12(1) jew 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, li jipprevedu eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 11(3)a tar-Regolament imsemmi, jimmiraw b'mod partikolari biex jiffaċilitaw il-libertà biex jingħataw servizzi għall-benefiċċju ta' dawk li jħaddmu li jistazzjonaw il-ħaddiema fi Stati Membri oħra għajr dak fejn huma stabbiliti, kif ukoll il-libertà tal-ħaddiema biex jiċċaqilqu lejn Stati Membri oħrajn. Dawn id-dispożizzjonijiet jimmiraw ukoll biex jegħlbu l-ostakoli li probabbli jxekklu l-libertà ta' moviment tal-ħaddiema u li jħeġġu l-interpenetrazzjoni ekonomika filwaqt li jevitaw kumplikazzjonijiet amministrattivi, speċjalment għall-ħaddiema u għall-impriżi.

(3) Il-kundizzjonijiet deċiżivi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament imsemmi huma l-eżistenza ta' relazzjoni diretta bejn min iħaddem u l-ħaddiem li jqabbad u l-eżistenza ta' rabtiet bejn min iħaddem u l-Istat Membru fejn huwa stabbilit. Il-kundizzjoni deċiżiva għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament imsemmi hija t-twettiq tas-soltu ta' attività simili sostanzjali fl-Istat Membru fejn il-persuna hija stabbilita.

(4) Skont ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71, it-tul ta' żmien antiċipat tal-istazzjonar ma jistax jaqbeż 12-il xahar, b'estensjoni sa 12-il xahar ulterjuri minħabba ċirkostanzi imprevisti. Skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, it-tul ta' żmien antiċipat tal-istazzjonar b'kollox ma jistax jaqbeż l-24 xahar.

(5) Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' stazzjonar mhux interrot li tiskorri t-tul ta' żmien massimu previst fir-Regolamenti tirrikjedi ftehim skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 jew l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 ma fih l-ebda dispożizzjoni tranżitorja espliċita dwar l-akkumulazzjoni tal-perjodi tal-istazzjonar imwettqa skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KE) Nru 883/2004. L-iskop tal-leġiżlatur kien li jestendi l-perjodu massimu antiċipat possibbli ta' stazzjonar minn 12-il xahar għal sa 24 xahar. Il-proċeduri u l-kundizzjonijiet l-oħra għal stazzjonar ma nbidlux b'mod konsiderevoli.

(7) Fid-dawl tal-kontinwità legali bejn ir-Regolamenti l-antiki u dawk ġodda u biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-istazzjonar tul il-perjodu ta' tranżizzjoni bejn ir-Regolamenti (KE) Nru 1408/71 u (KE) Nru 883/2004,

Filwaqt li taġixxi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 71 (2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

([1]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

1. Il-perjodi kollha ta' stazzjonar imwettqa skont ir-Regolament (KE) Nru 1408/71 għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-perjodu ta' stazzjonar mhux interrott li jaqa' taħt l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, biex il-perjodu totali ta' stazzjonar mhux interrott imwettaq skont l-applikazzjoni taż-żewġ Regolamenti ma jistax jaqbeż l-24 xahar.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

*Il-President tal-Kummissjoni Amministrattiva*
Lena MALMBERG

# DEĊIŻJONI Nru H5

## tat-18 ta' Marzu 2010

## dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 u Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim KE/Żvizzera)**

(2010/C 149/05)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 72 (a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali [1], li skontu l-Kummissjoni Amministrattiva hija responsabbli li tittratta l-mistoqsijiet amministrattivi kollha jew il-mistoqsijiet kollha ta' interpretazzjoni li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2],

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 2(2), 20, 52 u 87(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009,

Billi:

(1) L-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet huma mitluba mill-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 biex jikkooperaw sabiex jassiguraw l-implimentazzjoni korretta tar-Regolament;

(2) Il-miżuri li jikkumbattu l-frodi u l-iżbalji huma strettament marbuta mal-fergħat tas-sigurtà soċjali kif definiti bl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u li jiggarantixxu li l-kontribuzzjonijiet huma mħallsa lill-Istat Membru xieraq u li l-benefiċċji mhumiex mogħtija bla mistħoqq jew miksuba abbużivament;

(3) L-azzjoni għall-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji hi għalhekk parti mill-implimentazzjoni xierqa tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009;

(4) Kooperazzjoni aktar mill-qrib u aktar effettiva bejn l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet kompetenti hija fattur ewlieni fit-teħid ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji;

(5) L-identifikazzjoni tal-persuni hija ta' importanza fundamentali għall-amministrazzjoni tar-Regolamenti, kemm f'termini tal-intraċċar tal-persuni fid-dejtabejż tal-istituzzjoni kif ukoll biex jiġi żgurat li l-persuni huma verament dawk li jiddikjaraw li huma;

(6) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 jenfasizza li meta tinġabar, tiġi trasmessa jew tkun ipproċessata dejta personali skont il-leġislazzjoni tagħhom għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod sħiħ drittijiethom fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali, u dan skont id-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tat-tali dejta;

(7) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 jippermetti lill-istituzzjoni kompetenti biex, fejn ikun hemm dubju, titlob lill-istituzzjoni tal-post jew ta' residenza biex tivverifika l-informazzjoni provduta mill-persuna kkonċernata jew il-validità ta' dokument;

(8) Il-kooperazzjoni effettiva fil-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji tinvolvi li wieħed ikompli jibni fuq il-mekkaniżmi li jipprovdu informazzjoni dwar il-bidliet tal-leġislazzjoni applikabbli u fl-Artikoli 20 u 52 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

Filwaqt li taġixxi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### Kwistjonijiet Ġenerali

1. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri għandhom, għall-finijiet tal-implimentazzjoni korretta tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009, jikkooperaw fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji.

[1] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

2. Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha, darba fis-sena, tiddiskuti l-kooperazzjoni dwar il-kwistjonijiet tal-frodi u l-iżbalji. Din id-diskussjoni tkun ibbażata fuq rappurtaġġ volontarju mill-Istati Membri dwar l-esperjenza tagħhom u l-progress f'dan il-qasam. Il-kontenut issuġġerit għal dawn ir-rapporti huwa elenkat fl-Anness 1.

3. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt għall-frodi u l-iżbalji fejn jiġu rrappurtati riskji ta' frodi u abbuż, jew diffikultajiet sistematiċi li jikkawżaw dewmien u żbalji mill-awtoritajiet jew istituzzjonijiet kompetenti. Dan il-punt ta' kuntatt għandu jiġi inkluż fil-lista li għandha tkun ippubblikata mis-Segretarjat tal-Kummissjoni Amministrattiva.

## Żbalji

4. Sabiex jiġu limitati r-riskji ta' żbalji, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li tinkiseb informazzjoni f'waqtha u korretta, b'mod partikolari meta tintuża s-sistema għall-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet għandhom:

(a) jiżguraw li l-informazzjoni mibgħuta elettronikament permezz tad-Dokumenti Elettroniċi Standard lill-awtoritajiet jew l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra hija suġġetta għal proċess ta' kontroll tal-kwalità, speċjalment fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata u n-numru PIN; kif ukoll

(b) jirrappurtaw lill-Kummissjoni Teknika u Amministrattiva tal-Kummissjoni kwalunkwe diffikultajiet sistematiċi, li jikkawżaw dewmien jew żbalji, fl-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tar-Regolamenti.

## Rappurtar f'każ ta' mewt

5. Fir-rigward tal-kooperazzjoni relatata mar-rappurtar f'każ ta' mewt:

(a) l-Istati Membri għandhom jaqsmu permezz tal-Kummissjoni Amministrattiva kull prassi innovattiva li jkunu introduċew f'dan il-qasam, jew jirrappurtaw kull tfixkil fl-assigurazzjoni tal-kooperazzjoni fuq din il-kwistjoni;

(b) l-Istati Membri għandhom jirrevedu l-prattiki tagħhom rigward il-ġlieda kontra n-nuqqas ta' rappurtar f'każ ta' mewt fil-każijiet transkonfinali sabiex ikun żgurat li safejn hu possibbli dawn il-prattiki jkunu konsistenti mal-aħjar prattika f'dan il-qasam. Lista tal-aħjar prattiki identifikati tinsab fl-Anness 2;

(c) Talbiet għal informazzjoni mill-istituzzjonijiet jew l-awtoritajiet kompetenti dwar ir-rappurtar f'każ ta' mewt għandhom ikunu ttrattati malajr kemm jista' jkun mill-parti li tirċivihom.

## Talbiet għall-Informazzjoni

6. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-ħtieġa li jaġixxi skont id-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali u l-moviment liberu tat-tali dejta, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jikkooperaw f'talbiet minn Stati Membri oħra għall-informazzjoni mmirata biex tittratta frodi u jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tar-Regolamenti. Għandhom iwettqu evalwazzjoni bir-reqqa tal-pożizzjoni legali qabel ma kwalunkwe talba bħal din tiġi rrifjutata fuq raġunijiet ta' protezzjoni tad-dejta.

7. Fejn talba għal informazzjoni bil-għan li jiġu indirizzati l-frodi u l-iżbalji jkollha x'taqsam mad-dejta rigward l-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-koordinazzjoni iżda ma tkunx qed tiġi pproċessata direttament minn istituzzjoni jew awtorità kompetenti, l-istituzzjoni jew l-awtorità kompetenti għandha tassisti lill-istituzzjoni jew l-awtorità rikjedenti sabiex tidentifika parti terza bħala sors xieraq ta' informazzjoni u toffri s-servizzi tagħha f'kull negozjati ma' dik il-parti terza.

## Klawsola ta' Reviżjoni

8. Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta sa mhux aktar tard mill-aħħar tat-tieni (2) sena wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

9. Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tkun applikabbli mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha.

*Il-President tal-Kummissjoni Amministrattiva*

José Maria MARCO GARCÍA

*ANNESS 1*

**Kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti, *inter alia*, fir-Rapporti Annwali mill-Istati Membri dwar Frodi u Żbalji**

1. Passi meħuda matul is-sena fil-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji fil-każijiet iddeterminati skont ir-Regolamenti;

2. Problemi speċifiċi fl-implimentazzjoni tar-regoli ta' koordinazzjoni li jistgħu jwasslu għall-inqas riskji ta' frodi u żbalji;

3. Ftehimiet u arranġamenti bilaterali ta' kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra tal-UE għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji;

4. Fil-qasam tal-benefiċċji *in natura*, il-passi meħuda biex jippromwovu l-konformità min-naħa tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi tas-saħħa mar-regoli ta' koordinazzjoni u biex jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini.

*ANNESS 2*

**L-Aħjar Prattiki fir-rigward tal-ġlieda kontra n-nuqqas ta' rappurtaġġ f'każ ta' mewt fil-każijiet transkonfinali** [1]

Twaqqif ta' sistema ta' notifika diretta tal-mewt mill-Istat ospitanti

Tqabbil tad-dejta

It-talba ta' verifika amministrattiva mill-Istat ospitanti

Aċċess għar-rapporti tal-mewt bejn l-istituzzjonijiet tas-saħħa

Ċertifikazzjoni tas-saħħa

Il-preżenza fiżika diretta fl-Istat ospitanti

[1] Spjegazzjoni aktar iddettaljata ta' dawn l-aħjar prattiki tinsab fit-Taqsima 9.2 tar-Rapport tal-Grupp ta' Segwitu Ad Hoc tal-Kummissjoni Amministrattiva dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi u Żbalji tas-16 ta' Novembru 2009, ippubblikat bħala Nota CASSTM 560/09.

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

**Rapport Speċjali Nru 1/2010 "Il-proċeduri ssimplifikati doganali għall-importazzjoni huma kkontrollati b'mod effettiv?"**

(2010/C 149/06)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 1/2010 "Il-proċeduri ssimplifikati doganali għall-importazzjoni huma kkontrollati b'mod effettiv?" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mill-websajt tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://www.eca.europa.eu

Verżjoni stampata jew fuq CD-ROM tar-rapport tista' tinkiseb mingħajr ħlas fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
Unità tal-Komunikazzjoni u Rapporti
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
E-mejl: euraud@eca.europa.eu

jew billi timla l-formola ta' ordni elettronika fil-EU-Bookshop.

V

*(Opinjonijiet)*

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2010/C 149/07)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għall-oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni għandha tasal għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"CARCIOFO SPINOSO DI SARDEGNA"**

**Nru tal-KE: IT-PDO-0005-0687-06.03.2008**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Isem:**

"Carciofo Spinoso di Sardegna"

2. **Stat membru jew pajjiż terz:**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott (l-Anness III):*

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali friski u pproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1:*

Il-"Carciofo Spinoso di Sardegna" jinkiseb mill-ekotip lokali "Spinoso Sardo" li ġej mill-ispeċi botanika "Cynara scolymus" u huwa kkaratterizzat mill-partikolaritajiet morfoloġiċi indikati hawn taħt: pjanta perenni b'riżomi ta' daqs medju, bil-punt ta' inserzjoni tar-ras ewlenija f'għoli li jvarja bejn 45 u 70 ċm, tikber immejla, tagħmel kwantità kbira ta' polline, li tipproduċi gradwalment. Il-werqa hija ta' kulur aħdar u mxewka, ta' daqs medju u b'varjetà sħiħa ta' tipi ta' weraq, kif jidher bl-ammont kbir ta' weraq ċatt u bil-qasmiet jew li ta' spiss ikun ippinnat u magħmul minn ħafna weraq żgħar fiż-żewġt iġnub taz-zokk. Ir-ras għandha forma ta' kon tawwali, bejn wieħed u ieħor kompatta, b'għoli minimu ta' 6 ċm u b'dijametru ta' bejn 6 u 13 ċm, il-brakti tan-naħa ta' barra huma ħodor b'ħafna sfumaturi vjola u kannella, dawn ikunu kbar u tawwalin bit-tarf ippuntat li jispiċċa b'xewka safra; il-brakti tan-naħa ta' ġewwa għandhom kulur isfar mil-lewn it-tiben b'vini li jagħtu fil-vjola; il-pedunkulu jkun bejn 10 u 40 ċm tul (skont id-deroga mogħtija bir-Regolament (KE) Nru 1466/2003) u bi ħxuna medja bejn 1 u 3,5 ċm.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Il-"Carciofo Spinoso di Sardegna" DPO għandu jippreżenta l-karatteristiċi li ġejjin:

Karatteristiċi Fiżiċi: forma: ras b'forma ta' kon tawwali, moderatament kompatta; kulur: aħdar b'ħafna sfumaturi ta' vjola u kannella; bix-xewk ta' kulur isfar fil-brakti; struttura taz-zokk: il-qalba ftit fibruża, tarija u tittiekel; il-parti li tittiekel: mhux inqas minn 30 % tal-piż tar-ras friska.

Karatteristiċi kimiċi: Mhux inqas minn 2,5 gm ta' kontenut ta' karboidrati għal kull 100 gm ta' sustanza friska; Mhux inqas minn 50 gm ta' kontenut ta' polifenoli għal kull 100 gm ta' sustanza friska; Sodju: mhux iktar minn 0,125 gm għal kull 100 gm ta' sustanza friska; Ħadid: mhux iktar minn 0,80 mg għal kull 100 gm ta' sustanza friska;

Karatterisitċi organolettiċi: fwieħa: riħa qawwija ta' kardun u ta' fjuri; konsistenza: brakti mlaħħmin u fl-istess ħin torja u jqarmċu fin-naħa ta' isfel; togħma: qawwija b'taħlita bbilanċjata ta' mrar u ħlewwa minħabba l-preżenza tad-derivattivi tal-polifenoli u ċinarina; astrinġenza: il-preżenza tat-tannini, li huma komponenti naturali tal-qaqoċċ, li t-togħma tagħhom tintilef minħabba t-togħma qawwija ta' ħlewwa li jispikkaw u li huma ġejjin mil-preżenza qawwija ta' karboidrati. Il-konsum tradizzjonali mhux biss tar-ras iżda wkoll taz-zokk tal-"Carciofo Spinoso di Sardegna" nej, iħalli li min jieklu jassorbi valur ogħla tal-prinċipji nutrittivi li fih il-prodott. Il-"Carciofo Spinoso di Sardegna" li jagħmel parti biss mill-kategorija "Extra" u "I" jista' jikseb rikonoxximent tad-DPO.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *Il-fażijiet speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika identifikata:*

Il-fażijiet kollha tal-produzzjoni tal-"Carciofo di Sardegna" jsiru fit-territorju deskritt fil-punt 4.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ:*

Sabiex ikun possibbli li l-"Carciofo Spinoso di Sardegna" jiġi kkonsmat nej skont it-tradizzjoni, minħabba li l-prodott jitbiel malajr u jitlef il-karatteristiċi ta' freskezza għaliex ir-ras, iz-zokk u l weraq ma jibqgħux ileqqu u sodi, huwa meħtieġ li l-manipulazzjoni tal-prodott titnaqqas għall-minimu u l-ippakkjar isir eżatt wara li l-prodott jinqata'. Din il-kundizzjoni tiggarantixxi vantaġġ ċert f'termini ta' freskezza, minħabba li permezz tagħha jitnaqqsu l-fenomeni ta' ossidazzjoni u traspirazzjoni, illi kieku l-prodott ikollu jaffaċċja bir-riżultat ta' tibdil fil-karatterisitiċi fiżiċi, organolettiċi u kimiċi.

Il-"Carciofo Spinoso di Sardegna" jinħareġ għall-konsum billi jiġi ppakkjat fil-pakketti magħluqin li ġejjin u bil-logo Imwaħħal magħom: tilari li jkun fihom minn 2 sa 12-il ras sħaħ u/jew maqsumin f'porzjonijiet; ċestini ta' materjal adattat għall-ikel ta' bejn 500 gm u 5 kg; kaxxi tal-injam, tal-kartun jew tal-plastik għall-prodotti tal-ikel li jkun fihom bejn 4 u 60 prodott.

Materjali li skont ir-regoli Komunitarji fis-seħħ dwar dan li huma meqjusa adattati għall-ippakkjar tal-prodott, jistgħu jibqgħu jintużaw. Kull pakkett għandu jkun fih "Carciofo Spinoso di Sardegna" tal-istess klassi tas-suq. Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkett għandha sservi ta' rappreżentanza tal-kontenut kollu.

3.7. *Regoli speċifiċi għat-tikkettar:*

It-tikketti li jitwaħħlu fuq il-pakketti għandhom jinkludu: l-isem "Carciofo Spinos di Sardegna" DPO u l-logo Komunitarju; il-kategorija "Extra" jew "I"; id-daqs; l-għadd ta' rjus; kwalunkwe indikazzjoni oħra prevista mil-liġijiet fis-seħħ; il-logo.

Il-logo tad-denominazzjoni huwa rappreżentat minn xbieha stilizzata ta' "carciofo spinoso" li biż-żieda ta' tbissima jieħu forma ta' bniedem, ir-ras tal-pjanta Issir il-propja ras, il-weraq jinbidlu f'dirgħajn miftuħa b'ġest ta' ħbiberija u ta' merħba. Il-messaġġ li jwassal huwa li l-prodott għandu togħma ħelwa minkejja d-dehra mxewka tiegħu.

Id-D.P.O. għandha tidher b'tipa li tidher ċar, li ma titħassarx, b'kuluri li jikkuntrastaw sew mal-kulur tat-tikketta u b'tali mod li tista' tingħaraf sew mill-għadd ta' indikazzjonijiet oħrajn. Dawn jistgħu jkunu daqs nofs it-tipa użata fil-kitba tad-DPO. Mhix permessa Iż-żieda ta' kwalunkwe informazzjoni oħra mad-Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini li ma kinitx ipprovduta espressament minn qabel, iżda l-użu tal-ismijiet u d-ditti privati huwa permess sakemm ma jkollux skop ta' ftaħir jew ma jkunx tali li jqarraq bil-konsumatur.

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika:**

Il-"Carciofo Spinoso di Sardegna" għandu jitkabbar u jiġi ppakkjat fiż-żoni tal-produzzjoni li jaqgħu fit-territorji tal-muniċipalitajiet li ġejjin:

Provinċja ta' Cagliari: Assemini, Assemini Isola Amministrativa (I.A.), Barrali, Castiadas, Decimomannu, Decimoputzu, Donori, Elmas, Escolca (I.A.), Guasila, Mandas, Maracalagonis, Monastir, Muravera, Nuraminis, Serdiana, Pimentel, Pula, Quartu Sant' Elena, Quartucciu, Samatzai, San Sperate, San Vito, Selargius, Selegas, Sestu, Sinnai (I.A.), Ussana, Uta, Villanovafranca, Villaputzu, Villasimius, Villasor, Villaspeciosa.

Provinċja ta' Carbonia-Iglesias: Giba, Masainas, Piscinas, San Giovanni Suergiu, Santadi, Sant'Anna Arresi, Tratalias, Villaperuccio.

Provinċja ta' Medio Campidano: Furtei, Gonnosfanadiga, Pabillonis, Pauli Arbarei, Samassi, San Gavino Monreale, Sanluri, Sardara, Segariu, Serramanna, Serrenti, Villacidro, Villamar.

Provinċja ta' Oristano: Arborea, Baratili San Pietro, Bauladu, Bosa, Cabras, Cuglieri, Flussio, Magomadas, Marrubiu, Milis, Mogoro, Narbolia, Nurachi, Ollastra, Oristano, Palmas Arborea, Riola Sardo, San Nicolò Arcidano, Santa Giusta, San Vero, Siamaggiore, Seneghe, Sennariolo, Simaxis, Solarussa, Terralba, Tramatza, Tresnuraghes, Uras, Zeddiani, Zerfaliu.

Provinċja ta' Nuoro: Dorgali, Galtellì, Irgoli, Loculi, Onifai, Orosei, Posada, Siniscola, Torpè.

Provinċja ta' Ogliastra: Arzana (I.A.), Barisardo, Baunei, Cardedu, Girasole, Lanusei (I.A.), Loceri (I.A.), Lotzorai, Tertenia, Tortolì.

Provinċja ta' Sassari: Alghero, Banari, Castelsardo, Florinas, Ittiri, Montresta, Olmedo, Ossi, Valledoria, Viddalba, Villanova Monteleone, Porto Torres, Putifigari, Uri, Santa Maria Coghinas, Sassari, Usini, Sedini, Sennori, Sorso, Tissi.

Provinċja ta' Olbia-Tempio: Badesi, Budoni, San Teodoro.

Iż-żona ta' produzzjoni msemmija hawn fuq hija dik fejn tradizzjonalment jitkabbar il-"Carciofo Spinoso di Sardegna". Fl-istess waqt, f'dawn it-territorji jinsabu l-karatteristiċi kollha tal-klima u tal-ħamrija adattati għat-tkabbir u f'dan il-kuntest ġie żviluppat il-wirt enotmi ta' esperjenzi, tradizzjonjiet u s-snajja' tekniċi u kulturali li jiggarantixxu l-karatteristiċi tal-prodott.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika:*

L-artijiet kollha fejn jiġi kkultivat il-"Carciofo Spinoso di Sardegna" li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni identifikata fil-punt 4, huma ta' oriġini alluvjonali, friski, u fihom kwantità kbira ta' fosfru, ħadid, manjeżju, kalċju, potassju u ta' sustanza organika, li x'aktarx ikollha reazzjoni newtrali jew kemxejn alkalina.

It-temperatura medja fix-xitwa hija ta' 11,3 °C, filwaqt li dik tas-sajf hi madwar 24 °C. Huwa rari ħafna li jkun hemm il-ġlata, u l-borra tinżel f'każijiet eċċezzjonali. Id-distribuzzjoni annwali tax-xita hija notevolment irregolari, billi tilħaq il-massimu matul l-istaġun tax-xitwa filwaqt li kważi ma tinżel xejn matul is-sajf.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott:*

Il-karatteristiċi partikolari tal-"Carciofo Spinoso di Sardegna" huma limitati għall-astrinġenza, it-togħma pjaċevoli, minħabba t-taħlita bbilanċjata ta' mrar u ħlewwa, u minħabba l-polpa tarija li tteġġeġ lil dak li jkun jikkonsma l-prodott nej. Karatteristiċi oħrajn huma l-ammont għoli ta' polifenoli u elementi nutrittivi oħrajn u Il-livelli pjuttost baxxi tas-sodju u tal-ħadid.

Fl-aħħar iżda ċertament mhux l-inqas, il-forma partikolari tar-ras, illi peress li l-brakti tagħha huma magħfusin sew ma' xulxin, dawn iżommu milli xi sustanzi esterni li jagħmlu l-ħsara jippenetraw 'il ġewwa u b'hekk tiġi garantita kwalità tajba tal-prodott.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DOP) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

Il-karatterisitiċi li jiġġustifikaw it-talba tar-rikonoxximent tal-"Carciofo Spinoso di Sardegna" bħala DPO u li jiddistingwuh mill-prodotti l-oħra tal-istess speċi tas-suq huma: l-astrinġenza limitata, it-togħma pjaċevoli, dovuta għat-taħlita bbilanċjata ta' mrar u ta' ħlewwa, il-polpa tarija li tteġġeġ lil dak li jkun jikkonsma l-prodott nej, l-ammont għoli ta' elementi nutrittivi li jaġixxu b'mod li jsaffi l-ġisem (billi jistimulaw id-djuresi, jneħħu l-elementi tossiċi mil-fwied, inaqqsu l-kolesterol fid-demm). l-ammont importanti ta' karboidrati, l-imluħa minerali, il-ħadid, il-potassju, il-fosfru u t-tipoloġiji differenti ta' vitamini, partikolarment dawk tal-Grupp A.

Dawn il-partikolaritajiet huma riżultat tar-rabta b'saħħitha mat-territroju tal-ġżira li huwa partikolarment adattat kemm għat-tradizzjonijiet tekniċi tal-kultivazzjoni kif ukoll minħabba l-kundizzjonijiet morfoloġiċi, tal-ħamrija u tal-klima li huma favorevoli. Ir-raġuni ewlenija li tispjega l-karatteristika li l-pjanta tiflaħ għal kundizzjonijiet ibsin dovuti għat-temperaturi għoljin u l-umdità baxxa relattiva, hija l-kwantità tajba ta' kalċju, manjeżju u potassju li hemm fil-biċċa l-kbira tal-artijiet fejn jiġi kkultivat il-qaqoċċ. Bl-istess mod dawn l-artijiet "friski", fondi, ta' oriġini prinċipalment alluvjonali u mingħajr ilma qiegħed, jiddeterminaw il-kapaċità għolja ta' skambju, u b'hekk jiggarantixxu li l-pjanta tixrob bis-sħiħ il-fosfru, il-ħadid, il-potassju u l-imluħa minerali l-oħra li jwasslu għal karatteristiċi deskritti fil-punt 5.2.

Il-fatturi klimatiċi jinfluwenzaw il-kwalità tal-"Carciofo Spinoso di Sardegna" fis-sens li jikkundizzjonaw il-funzjonijiet ġenerali tal-pjanta, bħalma huma l-fotosinteżi, it-teħid tal-ilma u tas-sustanzi nutrittivi. Id-dawl tax-xemx huwa fattur klimatiku importanti ieħor li jiddetermina l-karatteristiċi kwalitattivi tal-"Carciofo Spinoso di Sardegna". B'mod partikolari, il-qawwa tar-radjazzjoni anke fix-xhur tax-xitwa, tinfluwenza l-produzzjoni tas-sustanzi ta' riżerva bħalma huma l-karboidrati li jiddeterminaw it-togħma tal-prodott, u li jagħmluh partikolarment adattat sabiex jittiekel nej. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-intensità tax-xemx fiż-żona kollha tal-produzzjoni hija omoġenja minħabba li d-differenzi ta' latitudni bejn iż-żoni li jinsabu kemm fit-Tramuntana, kif ukoll dawk tan-Nofsinhar ma jinfluwenzawx l-iżvilupp tal-pjanta.

Minbarra dan l-adattment intrinsiku tat-territorju, ir-riżorsi umani bit-tradizzjoni, l-esperjenza u l-ħila tagħhom, jippermetti li ssir l-aqwa għażla tal-qaqoċċ permezz tal-operazzjonijiet manwali tal-qtugħ, tal-għażla u tal-kalibrat. Il-qtugħ taz-zokk u l-eliminazzjoni ta' rimjiet żejda li jsiru mill-bdiewa tal-lokal li huma speċjalizzati sew fil-qasam, jikkontribwixxu għall-ksib ta' prodott magħżul. It-taħlita eċċellenti ta' fatturi agronomiċi bħalma huma ż-żmien taż-żrigħ, id-densità tal-kultivazzjoni, l-użu għaqli tat-tisqija, il-fertilizzazzjoni u l-mezzi użati għall-ġlieda kontra l-parassiti u s-sengħa tal-bniedem, kif ukoll iż-żmien limitat ta' bejn sena (1) u tliet (3) snin ta' kemm iddum ħajja l-pjanta tal-qaqoċċ, flimkien mas-saħħa tal-istess pjanta, jenfasizzaw il-predispożizzjoni naturali għall-konsum frisk tal-"Carciofo Spinoso di Sardegna".

Mil-lat storiku, l-oriġini tal-produzzjoni, il-kultivazzjoni tal-qaqoċċ, partikolarment ir-rabta tiegħu mal-ambjent, tmur lura sa żmien il-Feniċi, u għaddiet minn seklu għall-ieħor sa ma waslet sal-lum il-ġurnata fejnhi, il-prodott jirrappreżenta waħda mill-ekonomiji bażiċi tal-agrikultura tal-gżira u tal-pajjiż. Instabet xhieda bil-miktub tal-preżenza tal-qaqoċċ f'Sardegna li tmur lura sat-tieni nofs tas-Seklu XVIII, fit-trattat tan-nobbli Andrea Manca dell'Arca, minn Sardegna, li f'xogħlu "Agricoltura di Sardegna", ippubblikat fl-1780, isemmi paragrafu: "Cardo e Carciofo. Propagazione. Varietà. Coltivazione. Uso". (Kardun u Qaqoċċ. Tixrid. Varjetajiet. Kultivazzjoni. Użu) Fl-ewwel deċennji tas-seklu li għadda nstabu wkoll provi tal-eżistenza tal-"Carciofo Spinoso di Sardegna", fil-kitba ta' "La vita rustica della Sardegna riflessa nella lingua" ta' Max Leopold Wagner, ippubblikata f'Heidelberg fil-Ġermanja fl-1921. Sa mill-ewwel deċennji tas-Seklu Għoxrin, l-agrikultura tal-gżira ġiet immodernizzata tant li influwenzat il-produzzjoni tal-qaqoċċ minn waħda li kienet maħsuba biss għall-konsum lokali għall-waħda speċjalizzata, immirata lejn swieq ta' konsum nazzjonali u internazzjonali. F'dan il-perjodu ta' evoluzzjoni kummerċjali kbira, infirxet il-fama tal-"Carciofo Spinoso di Sardegna", fil-fatt, "fis-swieq tal-peninsula dan il-qaqoċċ ma kienx jinbiegħ jekk mhux b'ismu propju u b'tali mod distint mill-bqija; milli wieħed jista' jifhem għadd ta' sorsi, l-oriġini minn Sardinja kienet fil-fatt tirrappreżenta ċertifikat ta' kwalità u ta' oriġini li togħġob u li tintalab mill-konsumatur sa mill-ewwel snin tas-Seklu Għoxrin". L-oriġini storika tal-prodott wasslet sabiex, maż-żmien, il-konsumatur jiddistingwi l-"Carciofo di Sardegna" permezz tal-istess xbieha ta' Sardinja, kif ukoll fil-lingwaġġ komuni, jissemma l-"Carciofo Spinoso di Sardegna" fil-menus ta' għadd ta' ristoranti, fuq it-tikketti tal-azjendi u fid-dokumenti kummerċjali; minn hawn inħasset il-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli formali dwar l-użu kkonsolidat tad-denominazzjoni, b'tali mod li jintrabtu l-karatteristiċi tal-prodott u t-territorju ta' Sardinja, filwaqt li l-konsumaturi u l-produtturi jitħarsu mill-possibbiltà li l-isem ma jintużax b'mod korrett jew ġust.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

Din l-Amministrazzjoni tat bidu għall-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni bil-pubblikazzjoni fil-"Gazzetta ufficiale della Repubblica italiana" Nru 25 tat-30 ta' Jannar 2008 tal-proposta biex il-"Carciofo Spinoso di Sardegna" tingħatalu d-DPO.

It-test ikkonsolidat tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab disponibbli:

— fuq is-sit http://www.politicheagricole.it/DocumentiPubblicazioni/Search_Documenti_Elenco.htm?txtTipoDocumento=Disciplinare%20in%20esame%20UE&txtDocArgomento=Prodotti%20di%20Qualit%E0>Prodotti%20Dop,%20Igp%20e%20Stg

jew

— billi wieħed jidħol direttament fil-paġna ewlenija tal-websajt tal-Ministeru (http://www.politicheagricole.it) u jiklikkja fuq "Prodotti di Qualità" (fuq ix-xellug tal-iskrin) u mbagħad fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE [regolamento (CE) n. 510/2006]".

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT